# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 557

Il-Ġimgħa, 24 ta' Marzu, 2023

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fis-1.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Frankie Attard – Kunsillier
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier (daħal minn fuq Microsoft Teams)
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

SKUŻATI:

Paul Mizzi- Viċi Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 557.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Is-Sur Paul Mizzi talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 557.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 557.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

557.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-baġit għas-sena 2023. Dan ġie approvat mill-Kunsill.

557.3.2 Is-Sindku semma in-night shelter. Talbuna xi informazzjoni aktar dettaljata u ser nkellmu lill-perit dwar dan biex naraw x' possibilta hemm li jkun night shelter minflok day care center biss.

557.3.3 Il-Kappillan talab li jsir il-pavimentar quddiem iċ-ċentru pastorali l-ġdid. Il-Kunsill qabel li jitlob stima sabiex isir dan ix-xogħol.

557.3.4 Il-Kappillan talab ukoll li jitħallas mill-Kunsill wieħed minn bosta televixins li ser isiru fl-istess ċentru pastorali. Dan ser jiswa Eur1,149. Il-membri qablu li jitħallas. fl-istess talba il-kappillan talab li jitħallsu xi stands, banner u flyers għal attività li se ssir minn Encounter Guatemala. Hawnhekk il-kunsill iddiskuta li il-flus li qed jintalbu għal dawn l-affarijiet ma jistgħux jingħataw peress li hemm alternattivi oħra sabiex isiru dawn l-affarijiet. Bħala flyers pero' nistgħu nagħmluhom il-Kunsill.

## 557.4 Night Shelter

Fuq in-night shelter diġà tkellimna kif jidher hawn fuq.

## 557.5 Inawgurazzjoni tal-van tal-komunità

Is-sindku spjega li ser nagħmlu l-istickers fuq il-vann u wara ser tinawguraha is-Segretarju Parlamentari Zerafa Civelli

## 557.6 Fiera tal-Għadira

Is-sindku qal illi bħala preparamenti għall-fiera ta' l-għadira qed jinqata' l-ħaxix, ħa jsir il-patching u tindif. Il-Kumitat tal-Festa talab li tintrama t-tinda għall-fiera. L-Għaqda Għajn Tuta ser ikunu qed jieħdu ħsieb l-armar tat-tinda u l-ispejjez kollha li hemm bzonn biex jarmawha. Il-Kumitat tal-Festa talab ukoll li jsiru t-toilets. Ħadd ma sab oġġezzjoni. Is-sindku qal li huwa offra wkoll il-van tal-komunità sabiex jekk iridu ssir sistema ta' park and ride jekk ikun hemm bżonn.

## 557.7 Ilmenti u Suġġerimenti

Ma kienx hemm ilmenti u suġġerimenti.

### Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 557.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-1.45pm u ġiet aġġornata għall-21 ta’ April, 2023 fis-2pm ta’ wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |